**Mistoqsijiet Parlamentari**

**Seduta Nru. 44**
**It-Tnejn, 7 ta' Novembru, 2022 fl-4:00 p.m.**

**GĦALLIEMA IMPJEGATI FULL-TIME**

**2052. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il għalliem kien impjegat bħala għalliem full-time bil-formola tal-Gvern 2017 sad-data li din il-mistoqsija parlamentari tiġi mwieġba u kemm telqu fl-istess żmien?

28/06/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor Interpellant li bejn l-2017 u l-2022 daħlu 1079 għalliem ġdid, filwaqt li rtiraw/irriżenjaw/spiċċalhom il-kuntratt total ta' 636 għalliem.

Seduta 44
07/11/2022

**RIĠENERAZZJONI TAL-PORT IL-KBIR - PJAN**

**2053. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jelenka l-istakeholders u/jew NGOs li ġew ikkonsultati għall-pjan ta' Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir ta' 76 paġna? Dawn kienu jinkludu xi wħud mill-istakeholders preżenti li qed jokkupaw il-port?

07/11/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninfomra lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba se tingħata f'seduta oħra

Seduta 44
07/11/2022

**PJAN TA' RIĠENERAZZJONI TAL-PORT**

**2054. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid kemm sewa l-pjan kbir ta' Riġenerazzjoni tal-Port? Jista' jagħti l-istudji li ntużaw?

07/11/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninfomra lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba se tingħata f'seduta oħra

Seduta 44
07/11/2022

**SPTAR MATER DEI - COMPLEMENT TA' PERSONNEL**

**2071. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 415, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jinforma bil-complement tal-personnel f'kull grade li hemm fis-swali tal-Isptar Mater Dei fid-data li fiha titwieġeb din il-mistoqsija?

28/06/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi qed impoġġi fuq il-mejda tal-kamra il-lista tal-*complement* tal-*personnel* mitluba minnu.

Seduta 44
07/11/2022

**INFERMIERA, QWIEBEL U CARERS - MEDJA TA' SIGĦAT TA' ĦIDMA**

**2072. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 417, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jagħti l-medja tas-sigħat maħduma mill-infermiera, qwiebel u carers tal-isptarijiet kollha sena b'sena bejn l-2013 u l-2022?

28/06/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi qed impoġġi fuq il-mejda tal-kamra lista ta medja tas-sigħat maħduma mill-infermiera, qwiebel u carers tal-isptarijiet kollha skont ma talab hu.

Seduta 44
07/11/2022

**LUKANDA SELMUN PALACE**

**2078. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 419 li oriġinarjament saret lill-Uffiċċju tal-Prim Ministru u li issa ġiet riferuta lilu u jgħid jekk/meta jinħareġ tender għal-lukanda Selmun Palace dan jinkludix il-Palazz ukoll? L-offerent rebbieħ ikollu kontroll sħiħ u aċċess għall-Palazz? L-offerent rebbieħ se jkun responsabbli li jara li l-palazz ikun mantained bi spejjeż tagħhom mingħajr ma jkollu aċċess għalih jew il-Gvern ta' Malta jibqa' responsabbli mill-manutenzjoni tal-palazz?

28/06/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninsab infurmat li l-proċess rigward il-Lukanda Selmun Palace għadu għaddej.

Seduta 44
07/11/2022

**MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI – UFFIĊJALI LI ĦADU SEHEM FI PROGRAMM TELEVIŻIV**

**2159. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 1628 u jgħid kemm sar ħlas, u d-data, mill-Ministeru u lil min, inkluż One TV u One Productions, mill-2017 sal-lum biex uffiċjali tal-Ministeru (inkluż il-Ministru) dehru/ħadu sehem fil-programm Espresso?

07/11/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li l-Ministeru u l-entitajiet li jaqgħu taħtu ta' spiss jipproduċu materjal informattiv fuq il-midja sabiex titwassal l-informazzjioni neċessarja . Dan bil-għan li l-pubbliku jkunu mgħarraf bl-attivitajiet / inizjattivi li jittieħdu.

B'referenza għal dak li qed jistaqsi dwaru l-Onorevoli Interpellant, it-tagħrif għall-perjodu ta' ħames snin kif indikat minnu hu kif ġej:

ONE Productions (Espresso) - €5,522.40.

Seduta 44
07/11/2022

**UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU - UFFIĊJALI LI ĦADU SEHEM FI PROGRAMM TELEVIŻIV**

**2160. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jwieġeb mistoqsija parlamentari 1626 u jgħid kemm sar ħlas, u d-data, mill-Ministeru u lil min, inkluż One TV u One Productions, mill-2017 sal-lum biex uffiċjali tal-Ministeru (inkluż il-Ministru) dehru/ħadu sehem fil-programm Espresso?

04/07/2022

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li ninsab infurmat li l-Ministeru fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru kellu nefqa ta' €4,440.

Seduta 44
07/11/2022

**MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI - KONSULENTI**

**2188. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jelenka min huma l-konsulenti tiegħu u tal-Ministeru tiegħu?

04/07/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li mill-bidu ta' din il-leġiżlatura, l-Ministeru kien jeħtieġ jirrikori għas-servizzi ta' konsulenza kif elenkati fit-tabella li qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra. Il-konsulenti ndikati huma lkoll għal perjodu ta' sena u ġew ingaġġati wara sejħa pubblika.

Seduta 44
07/11/2022

**EX MINISTRU– XOGĦOL TA' KONSULENZA**

**2189. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-Eks Ministru, li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament, huwiex jipprovdi konsulenza lilu jew lill-Ministeru tiegħu u jekk iva, jistax iqiegħed il-kuntratt relattiv fuq il-Mejda tal-Kamra?

04/07/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-ex Ministru li għalih qed jirreferi, mhuwiex qiegħed jipprovdi konsulenza fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni.

Seduta 44
07/11/2022

**CEO - INFRASTRUCTURE MALTA**

**2190. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid x'kienet il-pressjoni indebita li l-kuntratturi, li d-dettalji dwarhom qed jingħataw separatament, għamlu fuq is-CEO, li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament ukoll, li pprefera jirriżenja minn CEO ta' Infrastructure Malta wara xahar minflok iċedi għall-pressjonijiet illegali ta' dawn in-nies? Għala ma sarx rapport lill-Pulizija dwar l-aġir ta' dawn in-nies?

07/11/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li hawn taħt qed nirriproduċi kelma b'kelma statement pubbliku li kien għamel l-Inġinier Farrugia Cann meta irrifjuta (u mhux irriżenja) l-pożizzjoni ta' CEO ta' Infrastructure Malta, statement li jirrifletti preċiż id-diskussjoni li kellna bejnietna. Tali stqarrija tinnewtralizża għal kollox l-allegazzjoni, b'ebda mod sostanzjata, tal-Onorevoli Interpellant, li qed tiġi miċħuda.

"Filwaqt li napprezza l-fiduċja li ntweriet fija biex inservi fl-irwol ta' Kap Eżekuttiv ta' Infrastructure Malta, nistqarr li fl-aħħar ġimgħat irealiżżajt li hu diffiċli ħafna, kważi impossibbli, li nibbilanċja bejn l-impenji ta' din il-kariga u dik ta' referee internazzjonali tal-FIFA.

Għalkemm ħsibt li dan il-bilanċ seta' jkun possibbli, kif irnexxili nagħmel fil-passat, fhimt li l-irwol ta' Kap Eżekuttiv f'din l-entitá jitlob impenn li mhux kompatibbli ma' rwol ieħor impenjattiv u li jirrikjedi wkoll ammont ta' safar.

F'dan il-mument ħassejt li ma nixtieqx nitfa' fil-ġenb dak li b'ħafna sagrifiċju bnejt fil-karriera tal-football.

Għalhekk b'responsabbiltà infurmajt lill-Ministru li mhux se jkun qed niffirma l-kuntratt biex nieħu l-irwol ta' Kap Eżekuttiv ta' Infrastructure Malta."

Seduta 44
07/11/2022

**FONDAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP TA' ŻONI TURISTIĊI - TISBIĦ TAL-PJAZZA TA' WIED IL-GĦAJN**

**2251. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jindika x'qed tagħmel issa l-Fondazzjoni għall-Iżvilupp ta' Żoni Turistiċi biex finalment isir it-tisbiħ tal-pjazza quddiem il-Knisja ta' Wied il-Għajn?

08/07/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li l-Awtorita' kompetenti fil-preżent qegħda teżamina l-possibilitajiet u għaldaqstant aktar informazzjoni tkun tista' tingħata aktar 'il quddiem.

Seduta 44
07/11/2022

**MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI L-GVERN LOKALI – ADVISORS FUQ KUNTRATTI/DIRECT ORDERS**

**3165. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 2589 u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista minn kull entità li taqa' taħtu ta' kemm ġew impjegati advisors fuq kuntratti/direct orders u kemm hu l-valur tal-kuntratt mill-2018 sal-2022?

07/11/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** It-twegiba tinghata f'seduta ohra.

Seduta 44
07/11/2022

**MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL – ADVISORS FUQ KUNTRATTI/DIRECT ORDERS**

**3166. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 2591 u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista minn kull entità li taqa' taħtu ta' kemm ġew impjegati advisors fuq kuntratti/direct orders u kemm hu l-valur tal-kuntratt mill-2018 sal-2022?

07/11/2022

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onorevoli interpellanta li t-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta 44
07/11/2022

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI – ADVISORS FUQ KUNTRATTI/DIRECT ORDERS**

**3167. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 2592 u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista minn kull entità li taqa' taħtu ta' kemm ġew impjegati advisors fuq kuntratti/direct orders u kemm hu l-valur tal-kuntratt mill-2018 sal-2022?

07/11/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Nirreferi lill-Onorevoli Interpellanta għat-tabella segwenti.

| **Advisor** | **Perjodu** | **Servizz** | **Ammont** |
|---|---|---|---|
| Dr Daniel Calleja | 6 xhur | Provision of Legal Services | €400 per month excl Vat |
| Ms Jackie Mercieca | 6 xhur | PR and Research Consultancy Service | €5,000 excl VAT |
| Stand Financial Services | 3 xhur | Accounting and Advisory Services | €4,750 excl Vat |
| RSM Malta | 8 ġimgħat | Anti-Money Laundering Consultancy Services | €8,500 excl Vat |

Seduta 44
07/11/2022

**MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U L-PROĠETTI KAPITALI – ADVISORS FUQ KUNTRATTI/DIRECT ORDERS**

**3189. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 2596 u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista minn kull entità li taqa' taħtu ta' kemm ġew impjegati advisors fuq kuntratti/direct orders u kemm hu l-valur tal-kuntratt mill-2018 sal-2022?

07/11/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Qed inpoġġi fuq il-mejda tal-Kamra l-informazzjoni mitluba.

Seduta 44
07/11/2022

**MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ, IR-RIFORMI U L-UGWALJANZA – ADVISORS FUQ KUNTRATTI/DIRECT ORDERS**

**3190. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 2598 u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista minn kull entità li taqa' taħtu ta' kemm ġew impjegati advisors fuq kuntratti/direct orders u kemm hu l-valur tal-kuntratt mill-2018 sal-2022?

19/10/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li s-servizzi ta' konsulenza li ntalbu mill-entitajiet fi ħdan dan il-Ministeru fil-perjodu indikat huma kif jidhru fit-tabella riprodotta hawn taħt.

| | | | |
|---|---|---|---|
| National Crime Prevention Strategy | €7,500 | 09.03.2021 08.03.2022 | till |
| National Crime Prevention Strategy | €6,000 | 23.08.2022 22.08.2023 | till |
| National Integrated Border Management Strategy | €40,000 | 20.06.2022 19.06.2023 | till |
| VSA | €39,200 | 01.03.2022 28.02.2023 | till |
| VSA | €9,000 | 11.11.2021 10.11.2022 | till |
| Residency Malta | €12,000 | 01.01.2018 31.12.2018 | till |
| Residency Malta | €4,000 | 01.01.2019 30.04.2019 | till |
| Residency Malta | €15,000 | 06.05.2019 05.11.2019 | till |
| Residency Malta | €15,000 | 07.11.2019 06.05.2020 | till |
| Residency Malta | €9,600 | 18.08.2020 17.08.2021* | till |
| Residency Malta | €15,000 | 06.05.2019 05.11.2019 | till |
| Residency Malta | €15,000 | 07.11.2019 06.05.2020 | till |
| Residency Malta | €9,600 | 18.08.2020 17.08.2021 | till |
| Residency Malta | €9,600 | 18.08.2021 17.02.2022 | till |
| Residency Malta | €9,600 | 18.02.2022 17.08.2022 | till |
| Residency Malta | €9,600 | 18.08.2022 17.02.2023 | till |
| Residency Malta | €46,800 | 01.10.2017 30.09.2018 | till |
| Residency Malta | €45,500 | 01.10.2018 30.09.2019 | till |
| Residency Malta | €53,400 | 01.10.2019 30.09.2020 | till |
| Residency Malta | €53,400 | 01.10.2020 30.09.2021 | till |
| Residency Malta | €53,400 | 01.10.2021 30.09.2022 | till |

| | | |
|---|---|---|
| Residency Malta | €53,400 | 01.10.2022 till 30.09.2023 |
| Identity Malta Agency | €20 kull siegħa - 25 siegħa fil-ġimgħa | 2018 |
| Identity Malta Agency | €20 kull siegħa - 12-il siegħa fil-ġimgħa | 2018 |
| Identity Malta Agency | €13.50 kull siegħa - Massimu ta' 9,450 fis-sena | 2018 |
| Identity Malta Agency | €31,200.00 | 2018 |
| Identity Malta Agency | €31,200.00 | 2018 |
| Identity Malta Agency | €26,000.00 | 2018 |
| Identity Malta Agency | €30,000.00 | 2018** |
| Identity Malta Agency | €56,000.00 | 2018 |
| Identity Malta Agency | €22,645.00 | 2019 |
| Identity Malta Agency | €1,600.00 | 2019 |
| Identity Malta Agency | €4,389.00 | 2019 |
| Identity Malta Agency | €11,059.00 | 2019 |
| Identity Malta Agency | €3,796.00 | 2019 |
| Identity Malta Agency | €31,715.00 | 2019 |
| Identity Malta Agency | €31,784.40 | 2019 |
| Identity Malta Agency | €12,020.00 | 2019 |
| Identity Malta Agency | €13,003.00 | 2019 |
| Identity Malta Agency | €4,554.00 | 2019 |
| Identity Malta Agency | €18,189.00 | 2019 |
| Identity Malta Agency | €15,243.00 | 2019 |
| Identity Malta Agency | €100.00 | 2019 |
| Identity Malta Agency | €4,000.00 | 2019 |
| Identity Malta Agency | €19,800.00 | 2020 |
| Identity Malta Agency | €4,800.00 | 2020 |
| Identity Malta Agency | €9,975.00 | 2020 |
| Identity Malta Agency | €20,142.00 | 2020 |
| Identity Malta Agency | €29,697.00 | 2020 |
| Identity Malta Agency | €31,851.00 | 2020 |
| Identity Malta Agency | €31,584.40 | 2020 |
| Identity Malta Agency | €3,252.00 | 2020 |
| Identity Malta Agency | €18,827.00 | 2020 |
| Identity Malta Agency | €55,048.00 | 2020 |
| Identity Malta Agency | €24,879.12 | 2020 |
| Identity Malta Agency | €1485.00 | 2020 |
| Identity Malta Agency | €19,199.50 fis-sena | 2021 |
| Identity Malta Agency | €36,796, allowances €2,815 fis-sena | 2021 |
| Identity Malta Agency | €13.50 kull siegħa | 2021 |
| Identity Malta Agency | €17,750.00 | 2021 |
| Identity Malta Agency | €4,800.00 | 2021 |
| Identity Malta Agency | €9,990.00 | 2021 |
| Identity Malta Agency | €4,924.15 | 2021 |
| Identity Malta Agency | €4,860.00 | 2021 |
| Identity Malta Agency | €180.00 | 2021 |
| Identity Malta Agency | €4,800.00 | 2022 |
| Identity Malta Agency | €2,238.25 | 2022 |
| Aġenzija Komunità Malta | €76,000.00 | 2018 |
| Aġenzija Komunità Malta | €15,000.00 | 2018 |
| Aġenzija Komunità Malta | €23,750.00 | 2019 |
| Aġenzija Komunità Malta | €9,800.00 | 2022 |

*contract terminated on 31.03.2021

** Till March 2018 when MIIPA was established

Seduta 44
07/11/2022

**MINISTERU GĦAT-TURIŻMU – ADVISORS FUQ KUNTRATTI/DIRECT ORDERS**

**3191. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 2599 u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista minn kull entità li taqa' taħtu ta' kemm ġew impjegati advisors fuq kuntratti/direct orders u kemm hu l-valur tal-kuntratt mill-2018 sal-2022?

19/10/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellanta li mill-2018 l-ispiza medja tal-advisors fl-entitajiet kienet ta madwar €35 elf ewro fis-sena.

Seduta 44
07/11/2022

**BEEKEEPERS**

**3276. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid kemm hawn persuni rreġistrati bħala beekeepers, maqsuma skont il-lokalità?

07/11/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li l-informazzjoni ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 44
07/11/2022

**RZIEZET F'MALTA**

**3277. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jagħti rendikont tan-numru ta' rziezet f'pajjiżna mill-2015 s'issa, maqsuma skont il-lokalità?

07/11/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li biex tiġi kkompilata l-informazzjoni kollha, kif mitlub, se jispiċċa jinqabeż l-advisory cost limit.

Seduta 44
07/11/2022

**SKEMA – PARTI MINN PROPRJETÀ FUQ ART TAL-GVERN**

**3307. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid meta se tiftaħ l-iskema għal xiri ta' parti minn proprjetà li s-sidien ikunu skoprew li hija fuq art tal-Gvern? Kemm hu maħsub li hawn sidien li jistgħu jibbenefikaw minn din l-iskema?

24/10/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li l-iskema għax-xiri ta' parti mill propjeta fuq art tal-Gvern diġa hija miftuħa bl-avvi¿ legali numru 232 tal-2022
L-Awtorita' tal-Artijiet tikkonferma li hemm ammont sostonzjali li taf bihom billi diga' kien hemm talba għax-xiri fil-passat. I¿da mpossibli tgħid kemm jista' jkun hemm għax dawn jinqalaw matul iz-zmien.

Seduta 44
07/11/2022

**AUM – FTUĦ - ĠURNALISTI**

**3308. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid jekk il-ġurnalisti kinux mistiedna għall-ftuħ tas-sena akkademika tal-Università Amerikana ta' Malta (AUM), li għalih il-Prim Ministru stess attenda nhar it-28 ta' Settembru 2022?

24/10/2022

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li l-Uffiċċju tal-Prim Ministru mhux l-organizzatur tal-ftuħ tas-sena akkademika tal-entità li qed tirreferi għaliha.

Seduta 44
07/11/2022

**TAL-LINJA - TRACKING**

**3309. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-karozzi tal-linja humiex tracked bil-GPS f'ħin reali? Jekk iva, jista' jgħid għalfejn din l-informazzjoni ma tintweriex fuq it-Tallinja App?

24/10/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li l-karozzi tal-linja kollha huma mgħammra b'sistema ta' GPS li turi l-pozizzjoni tagħhom waqt il-ħin kollu li jkunu qed joperaw. Il-karozzi tal-linja jibagħtu l-Ġeo-location tagħhom kontinwament, b'intervall ta' bejn 3 u 5 sekondi, u b'hekk isir il-moniteraġġ mill-Kamra tal-Kontroll tal-operatur. Din l-informazzjoni tintbagħat ukoll lis-sistema ta' Tallinja App, li ġġedded l-informazzjoni tagħha b'intervalli ta' bejn 30 u 40 sekonda.

Id-diffikulta tinqala' meta minħabba ċirkustanzi mhux previsti, bħall devjazzjonijiet li jiltaqgħu magħhom ix-xufiera waqt li jkunu fuq ir-rotta, is-servizz tat-trasport pubbliku jista' jiġi affetwat u jkun hemm sitwazzjonijiet li informazzjoni preċiża ma tintweriex fuq Tallinja App.

Ta' min jinnota li t-teknoloġija li tintuża fl-app, li tintuża f'ħafna pajjiżi u bliet oħra, ma kinitx iddisinjata biex tilqa' għal devjazzjonijiet u xogħlijiet fit-toroq.

Infurmat mill-Operatur tat-Trasport Pubbliku li din is-sistema li tħaddem l-App qegħda tiġi aġġornata u dan sabiex ikollha aktar informazjoni dwar id-devjazzjonijiet.

Seduta 44
07/11/2022

**HOME OWNERSHIP SCHEMES - KAŻIJIET SOLVUTI**

**3310. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid sena b'sena mill-2020 sal-lum kemm-il każ solviet l-Awtorità tal-Artijiet fejn akkwistat mingħand is-sidien oriġinali artijiet li fuqhom inbnew djar ta' Home Ownership Schemes, u li mbagħad għaddiet it-titolu għand l-Awtorità tad-Djar? Jista' għal kull każ jindika kemm ingħata kumpens lis-sidien oriġinali, u jindika n-numru ta' każijiet solvuti u l-kumpens imħallas lokalità b'lokalità?

24/10/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra lista mill-2020 sal-lum ta' kemm-il ka¿ tal-Home Ownership Scheme tal-Awtorità tal-Artijiet ġew solvuti.

Seduta 44
07/11/2022

**ĠONNA F'MALTA LI L-AMMINISTRAZZJONI TAGĦHOM TAQA' TAĦT IL-MINISTERU GĦALL-AMBJENT, L-ENERĠIJA U L-INTRAPRIŻA**

**3365. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-elenku tal-ġonna kollha li jinsabu f'idejn l-amministrazzjoni u kura tal-Ministeru u dawk fuq oħra separata li huma f'idejn il-Kunsilli Lokali f'Malta?

25/10/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li, fir-rigward tal-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża, qed inpoġġi lista bl-informazzjoni mitluba fuq il-Mejda tal-Kamra. Min-naħa l-oħra, f'dak li jirrigwardja l-Kunsilli Lokali, nitolbu sabiex iressaq il-Mistoqsija tiegħu lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 44
07/11/2022

**ĠONNA F'GĦAWDEX U KEMMUNA LI L-AMMINISTRAZZJONI TAGĦHOM TAQA' TAĦT IL-MINISTERU GĦALL-AMBJENT, L-ENERĠIJA U L-INTRAPRIŻA**

**3366. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-elenku tal-ġonna kollha li jinsabu f'idejn l-amministrazzjoni u kura tal-Ministeru u dawk fuq oħra separata li huma f'idejn il-Kunsilli Lokali f'Għawdex u Kemmuna?

25/10/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li, f'Għawdex u Kemmuna, l-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża m'huwa responsabbli għall-ebda ġnien.

Madankollu, l-entita' Wasteserv (Malta) Ltd, li wkoll tifforma parti minn dan il-Ministeru, hija responsabbli għas-sit tal-ex-miżbla tal-Qortin fix-Xagħra, fejn sit ta' ħamsin elf metru kwadru nbidel minn ġerħa ambjentali għall-park naturali li llum jista' jitgawda mill-familji.

Min-naħa l-oħra, f'Kemmuna, il-Ministeru qed iwettaq interventi permezz ta' Ambjent Malta. Dawn l-interventi huma marbutin mal-pjan ta' ġestjoni għal siti Natura 2000 u fl-aħħar snin kienu jinkludu t-tneħħija ta' speċi invażivi u t-tħawwil ta' siġar u arbuxelli indiġeni f'ammont li jeċċedi l-għoxrin elf. Barra minn hekk, fil-Bajja ta' Santa Marija saru xogħlijiet ta' restawr ambjentali li, fost l-oħrajn, jinkludu t-tneħħija ta' materjal u l-formazzjoni mill-ġdid ta' għadajjar b'ilma salmastru li jservu ta' kenn għall-għasafar li jpassu fl-inħawi. Tneħħew ukoll strutturi tal-konkos u arbli tad-dawl li ma kinux qed jintużaw u ssewwew ħitan tas-sejjieħ li jservu ta' lqugħ għall-ħamrija.
Rigward ġonna li jinsabu f'idejn l-amministrazzjoni u kura tal-Kunsilli Lokali f'Għawdex u Kemmuna, il-mistoqsija għanda ssir lil Ministru konċernat.

Seduta 44
07/11/2022

**ĠONNA F'GĦAWDEX U KEMMUNA LI L-AMMINISTRAZZJONI TAGĦHOM TAQA' TAĦT IL-MINISTERU GĦAL GĦAWDEX**

**3367. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-elenku tal-ġonna kollha li jinsabu f'idejn l-amministrazzjoni u kura tal-Ministeru u dawk fuq oħra separata li huma f'idejn il-Kunsilli Lokali f'Għawdex u Kemmuna?

25/10/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li l-Ġonna li jaqgħu taħt il-Ministeru għal Għawdex huma dawk elenkati hawn taħt:

- Ġnien Villa Rundle (Rabat)

- Ġnien Ċensu Sciberras (Kerċem)
- Il-Bosk ta` taħt Chambray (Għajnsielem)
- Ulysses Grove (Xewkija)
- Mixtla tad-Dawwara
- Buskett tax-Xewkija
- Ta` Isopu
- Three Hills Garden u l-madwar (Marsalforn)

Seduta 44
07/11/2022
**GĦAWDEX – KERĊEM - GĦADIRA TA' SAN RAFLU - XOGĦLIJIET**

**3368. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid x'xogħlijiet qed isiru barra mill-għadira ta' San Raflu fil-limiti ta' Kerċem Għawdex?

25/10/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninsab infurmat li dawn ix-xogħlijiet qegħdin isiru mill-Kunsill Lokali ta' Kerċem u għalhekk, ninforma lill-Onorevoli Interpellant li għal aktar dettalji għandu jirreferi din il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 44
07/11/2022

**KATAKOMBI TA' GĦAR GĦERDUF (KERĊEM TOMBS)**

**3369. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid f'liema stat jinsabu llum dawk li huma indikati bħala Kerċem Tombs (Katakombi ta' Għar Għerduf) u jekk hux qed jiġu protetti u kkurati?

25/10/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li dan l-aħħar sar studju preliminari tal-istat ġeoloġiku li jinsab fih l-Katakombi ta' Għar Gerduf. Irriżulta li l-għar jeħtieġ li jsirulu interventi fih u madwaru minn barra sabiex ma jkomplix jiċċaqlaq. Ladarba dan kollu jseħħ u jkunu ttieħdu l-prekawzjonijiet kollha, ikunu jistgħu jibdew l-istudji arkeoloġiċi neċessarji fih.

Seduta 44
07/11/2022

**WIED IS-SEWDA - TINDIF**

**3370. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tara hux possibbli li l-ambjent ta' dak li huwa msemmi bħala Wied is-Sewda jiġi mnaddaf aħjar billi mhuwiex miżmum sewwa?

25/10/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li dan il-wied hu taħt sorveljanza kontinwa u jsiru interventi ta` tindif kull ġimgħa. Fil-fatt din is-sena, saru diversi interventi ġewwa dan il- Wied b` mod partikulari fil- perjodu tas-Sajf fejn l-attività ekoloġika tkun waħda minima , fejn tneħħa madwar 50 tunnellata ta' ħmieġ, skart ta` kostruzzjoni, kif wkoll skart ieħor kemm bioloġiku u domestiku.

Dawn ix-xogħlijiet ta' tindif huwa mportanti peress li l-materjal mormi fil-wied jwassal għall-għargħar li jħalli impatt fuq il-mogħdijiet u l-għelieqi tal-madwar li jwassal f'telf ta' ħamrija u telf ta' prodotti agrikoli.

Seduta 44
07/11/2022

**RABAT – VJAL IL-ĦADDIEM**

**3476. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid jekk Vjal il-Ħaddiem, ir-Rabat, hijiex triq arterjali/distributorja u jekk din hijiex koerenti man-North West local plan?

27/10/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li l-programm tat-Tramuntana NWTR7 li kien sar fl-2006 kien pjan lokali propost fil-kuntest ta' programm ta Struttura. Din il-proposta relatata ma' Vjal il–Ħaddiem qatt ma kienet aċċettata/diskussa mal-Awtoritatjiet u issa l-pjan ġie mibdul bil-Pjan Strateġiku għall-Ambjent u Żvilupp. Vjal il-Ħaddiem mhux klassifikata la bħala triq arterjali u lanqas distributorja f'dan il-pjan.

Seduta 44
07/11/2022

**PERSUNI TA' NAZZJONALITÀ BARRANIJA LI JAĦDMU FI SPTARIJIET JEW KLINIĊI MALTIN - KUNTRATT TA' XOGĦOL**

**3477. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jispjega jekk ħaddiema ta' nazzjonalità barranija jkollhomx kuntratt ta' xogħol għal sena jew definit/indefinit meta jibdew jaħdmu fl-isptarijiet/kliniċi
Maltin?

27/10/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi ħaddiema ta' nazzjonalità barranija jkollhom kuntratt indefinit, sakemm ma jkunux tobba li ġew impjegati għal-perjodu definit sabiex jimlew vakanza b'mod temporanju

Seduta 44
07/11/2022

**ĦAL QORMI – TRIQ L-AĦWA ZAMMIT – TINDIF**

**3513. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jara hux possibbli li Triq l-Aħwa Zammit, f'Ħal Qormi, ikollha tindif iktar regolari matul il-ġimgħa?

28/10/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi li Triq l-Aħwa Zammit titnaddaf skont l-iskeda tal-knis ta' toroq f'Ħal Qormi.

Seduta 44
07/11/2022

**ĦAL QORMI – TRIQ M.A. VASSALLI – TINDIF**

**3514. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jara hux possibbli li Triq M.A. Vassalli, f'Ħal Qormi, ikollha tindif iktar regolari matul il-ġimgħa?

28/10/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi li Triq M.A.Vassalli titnaddaf b'mod regolari skont l-iskeda tal-knis ta' toroq f'Ħal Qormi.

Seduta 44
07/11/2022

**ĦAL QORMI – TRIQ TAL-BAJJADA – TINDIF**

**3515. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jara hux possibbli li Triq tal-Bajjada, f'Ħal Qormi, ikollha tindif iktar regolari matul il-ġimgħa?

28/10/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi li Triq tal-Bajjada titnaddaf b'mod regolari skont l-iskeda tal-knis ta' toroq f'Ħal Qormi.

Seduta 44
07/11/2022

**ĦAL QORMI - PJAZZA FEDERICO MAEMPEL**

**3516. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jara hux possibbli li ż-żona ta' Pjazza Federico Maempel, f'Ħal Qormi, ikollha tindif iktar regolari matul il-ġimgħa?

07/11/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi li t-tindif fi Pjazza Federico Maempel isir darbtejn fil-ġimgħa, mill-kuntrattur responsabbli mit-tindif tal-ġonna.

Seduta 44
07/11/2022

**SIĠĠIEWI – TRIQ NICOLO' BALDACCHINO – TINDIF**

**3517. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jara hux possibbli li Triq Nicolo' Baldacchino, fis-Siġġiewi, ikollha tindif iktar regolari matul il-ġimgħa?

28/10/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi li bħalissa l-Kunsill qiegħed fil-fażi ta' evalwazzjoni għat-tender tal-knis.
Infurmat ukoll illi l-knis tat-toroq isir bi skeda u l-Kunsill Lokali huwa kommess li jara li din l-iskeda tiġi rispettata.

Seduta 44
07/11/2022

**SIĠĠIEWI – TRIQ IL-MUŻA – TINDIF**

**3518. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jara hux possibbli li Triq il-Muża, fis-Siġġiewi, ikollha tindif iktar regolari matul il-ġimgħa?

28/10/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi li bħalissa l-Kunsill qiegħed fil-fażi ta' evalwazzjoni għat-tender tal-knis.

Infurmat ukoll illi l-knis tat-toroq isir bi skeda u l-Kunsill Lokali huwa kommess li jara li din l-iskeda tiġi rispettata.

Seduta 44
07/11/2022

**BENEFIĊĊJI GĦAL PERSUNI B'DIŻABILITÀ/GĦAQDIET VOLONTARJI RELATATI MAL-BINI**

**3530. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jagħti tagħrif dwar jekk persuni b'diżabilità u għaqdiet volontarji jgawdux minn xi benefiċċju, bħal tnaqqis ta' ħlasijiet, jekk japplikaw għal xi permessi relatati mal-bini? Jekk iva, x'benefiċċji għandhom, kemm-il persuna u għaqda volontarja gawdiet minn tali skemi matul l-2022, u min gawda minn tali skemi matul l-2022? Jista' l-Ministru jgħid jekk għall-2023, hux ser ikun hemm possibbiltà ta' benefiċċji għal persuni b'diżabilità u għaqdiet volontarji jekk japplikaw għal xi permessi relatati mal-bini, u fiex jikkonsistu tali benefiċċji?

28/10/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li skont il-Leġislazzjoni Sussidjarja 552.12 Regolamenti Dwar Ħlasijiet tal-Ippjanar tal-Iżvilupp, Regolament ( 2) *"Bini Speċjali"*, jinkludi; istituzzjoni, klabb, soċjetà, jew organizzazzjoni oħra ta' natura reliġjuża, kulturali, filantropika, sportiva jew ta' natura soċjali, li ma tkunx tinkludi Dipartimenti tal-Gvern jew parastatali, bil-faċilitajiet meħtieġa biex tilħaq l-għanijiet tagħha, inklużi skejjel, ospizji, djar tax-xjuħ, sptarijiet u bini ieħor jew utilitajiet simili, meta l-istituzzjoni, klabb, soċjetà jew organizzazzjoni oħra tkun dikjarata bħala meħlusa mit-taxxa mill-Ministru responsabbli għall-finanzi f'regolamenti li jsiru għal dak il-għan. Dawn kollha jgawdu min tnaqqis tal- *''Ħlasijiet tal-Ippjanar tal-izvilupp'' Skont Skeda 1, Kategorija B* fl'istess Regolamenti, b'rata mnqassa u fissa ta' €145.00 għal kull unita proposta.

Fis-sena 2022 kien hemm erba' każijiet fejn l- Awtorita' applikat dan ir-regolament. L-applikanti kienu l-Parroċċa tal-Għasri, *San Blas Therapeutic Community*, *The Eden and Razzett Foundation* u *The Scout Association of Malta.*

Seduta 44
07/11/2022

**FULJETT DWAR IL-BAĠIT 2023 - NEFQA**

**3531. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jagħti rendikont tan-nefqa li saret b'rabta mal-fuljett dwar il-baġit għas-sena 2023 maħruġ mill-Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol u li ġie mqassam fid-djar f'Malta u Għawdex? Jista' l-Ministru jgħid f'liema lokalitajiet ġie mqassam bieb bieb l-imsemmi fuljett?

31/10/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onorevoli interpellant li l-fuljett hu parti minn kampanja mifruxa biex il-poplu Malti u Għawdxi jkun mgħarraf bil-mi¿uri ta' fejda fl-akbar allokazzjoni finanzjarja li qatt saret fl-istorja permezz tal-Baġit 2023.

In-nefqa għall-istampar tal-fuljett hi ta’ €35,480, waqt li dik għat-tqassim tiegħu fil-lokalitajiet kollha ta’ Malta u Għawdex hi ta’ €25,620.

Seduta 44
07/11/2022

**DEWMIN FIL-PROĊEDURI - DRITT GĦAS-SMIGĦ**

**3536. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid sena b'sena mis-sena 2013 sad-data li tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari f'kemm-il kawża nstab li kien hemm dewmien fil-proċeduri u konsegwentement ġie vjolat id-dritt għal smigħ xieraq fi żmien raġjonevoli kif protett mill-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u/jew l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni? Jista' l-Ministru jagħti l-okkju ta' kull sentenza u jindika wkoll l-ammont ta' danni li l-Gvern ġie kkundannat li jħallas f'kull waħda mill-imsemmija kawżi u b'mod separat jindika wkoll l-ammont ta' spejjeż li l-Gvern ġie kkundannat li jħallas f'kull waħda mill-imsemmija kawżi?

07/11/2022

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninsab infurmat li l-informazzjoni għada qed tinġabar.

Seduta 44
07/11/2022

**KIRI TA’ BINJIET ĠODDA**

**3540. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista’ l-Ministru jgħid kemm inkrew binjiet ġodda mingħand il-privat mill-Ministeru tiegħu jew entitajiet li jaqgħu taħtu bejn l-1 ta' Jannar 2021 sad-data meta tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid f'kull każ għal liema skop inkrew dawn il-binjiet?

31/10/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li l-informazzjoni mitluba għadha qed tinġabar u tingħata f’xi seduta oħra.

Seduta 44
07/11/2022

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX - TOROQ**

**3541. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid mill-1 ta' Jannar 2020 sal-lum kemm-il triq saret mill-Ministeru tiegħu lokalità b'lokalità? Jista' jgħid f'kull każ jekk ix-xogħol hux lest jew jekk għadu mhux lest, x'fadal isir? Jista' jgħid f'kull każ kemm kienet l-ispiża totali jew l-ispiża s’issa fuq l-istess triq bi triq?

31/10/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li l-informazzjoni mitluba għadha qed tinġabar u tingħata f’xi seduta oħra.

Seduta 44
07/11/2022

**GĦAWDEX - SANNAT– TRIQ IL-PARANJI – AREA TA’ RINOTA - TOROQ**

**3542. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx ħsieb biex it-toroq fl-area ta' Rinota ġewwa l-Munxar u Triq il-Paranji fis-Sannat Għawdex isiru matul is-sena 2023, peress li f'dawn l-aħħar disa' snin sar ħafna bini fihom u dawn it-toroq għadhom qatt ma saru u jaqgħu taħt ir-responsabilità diretta tal-Ministeru għal Għawdex?

31/10/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onerevoli Interpellant li l-Ministeru għal Għawdex qed ikollu numru konsiderevoli ta' talbiet ta' esproprjazzjoni ta' diversi toroq li huma *schemed.* Infurmat ukoll b'dawn it-toroq imsemmija u ser ikun qed jibda l-proċess ta' esproprjazzjoni sabiex jinfetħu aktar toroq li huma diġa' *schemed* u jagħtu aċċess aħjar lir-residenti.

Seduta 44
07/11/2022

**GĦAWDEX – PROĠETT TAS-SECOND CLASS WATER GĦALL-BDIEWA**

**3543. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 19648 (Leġiżlatura li għaddiet), li ġiet imwieġba fil-15 ta' Marzu 2021, rigward fiex wasal il-proġett tas-second class water ġewwa l-gżira ta' Għawdex, fejn kien ġie mwieġeb li "l-investiment ta' madwar ħames miljun Ewro fuq estensjonijiet tan-network tan-New Water f'Għawdex, huwa mistenni li jitlesta kompletament f'Marzu tal-2022 biex b'hekk inkunu qed noffru iżjed opportunitajiet lill-bdiewa tagħna biex itejbu u jkabbru l-operat tagħhom filwaqt li nissalvagwardjaw l-ilma tal-pjan għall-bdiewa f'Għawdex", tista' l-Ministru tgħid jekk il-proġett tas-second class water għall-bdiewa f'Għawdex tlestiex kompletament sa Marzu 2022 u jekk le għala ma tlestiex kompletament sa Marzu 2022? Kemm hemm bdiewa Għawdxin li s'issa qed jibbenefikaw minn dan il-proġett komplut?

31/10/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Il-proġett tlesta u bħalissa hemm madwar 600 bidwi rreġistrati li qed jibbenefikaw minn dan il-proġett li sar b'investiment ta' madwar ħames miljun Ewro.

Infurmata li l-proġett tlesta f'Ottubru 2022 biex nevitaw inkonvenjent żejjed lir-residenti tal-madwar peress li kien hemm ukoll xogħol inevitabbli minn entitajiet oħra.

Seduta 44
07/11/2022

**DJAR TAL-ANZJANI – SODOD TA' KONTINĠENZA**

**3544. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Gvern għadux jimponi fuq id-djar tal-anzjani l-obbligu li jżommu sodod vojta ta' kontinġenza, li kien daħal fis-seħħ matul ir-restrizzjonijiet marbuta mal-COVID-19? Jista' jgħid meta daħlet fis-seħħ din il-miżura u meta ser tkun qed tispiċċa? Jista' jgħid ukoll x'inhu l-persentaġġ ta' sodod ta' kontinġenza li jridu jinżammu vojta?

31/10/2022

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Awtorità ta' Standards ta' Ħarsien Soċjali mxiet fuq il-gwida mgħotija mid-Dipartiment tas-Saħħa Pubblika. Il-management tad-djar residenzjali għall-anzjani, riedu jassiguraw li jkun hemm 2% sodod vojta għall-kontinġenza,'minimu ta' żewġ sodod. Minkejja dan, it-tielet sodda kellha tinżamm vojta fl-eventwalità li s-sodod l-oħra jiġu okkupati. Dawn is-sodod riedu jinżammu vojta minħabba l-każi suspetati ta' Covid-19 sakemm jinħareġ ir-riżultat rispettiv.
Din l-miżura ddaħlet fis-seħħ fit-tlett dati msemmija hawn taħt bil-persentaġġ ta' kontinġenza ta' sodod vojta rispettivament:

- 11 t'April 2020 – 10%
- 22 t'April 2020 – 5%
- 08 t'April 2021 – 2%

L-istess miżura tiġi fit-tmiema skont il-gwida mgħotija mid-Dipartiment tas-Saħħa Pubblika.

Seduta 44
07/11/2022

**DJAR TAL-ANZJANI – SODOD TA' KONTINĠENZA**

**3545. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid min iħallas għas-sodod ta' kontinġenza li jridu jitħallew vojta fid-djar tal-anzjani? Jista' jagħti rendikot ta' kemm hu l-ammont ta' sodod ta' kontinġenza li jitħallew vojta f'kull dar tal-anzjani, dar b'dar minn meta daħlet din il-miżura sal-lum u kemm sew jiswew dawn is-sodod ta' kontinġenza dar b'dar?

31/10/2022

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellanta li l-Awtorità ta' Standards ta' Ħarsien Soċjali tiġbor biss informazzjoni rigward l-ammonti ta' sodod ta' kontinġenza li għandha kull Dar Residenzjali tal-anzjani li l-informazzjoni qed titpoġġa fuq l-Mejda tal-Kamra.
Ninsab infurmat li kemm l-SCSA kif ukoll l-AACC ma jħallsux għas-soddod tal-kontinġenza.

Seduta 44
07/11/2022

**RESIDENZA SAN VINĊENZ DE PAUL – ISTALLAZZJONI TA' KANĊELL, BIBIEN, RIXTELLI**

**3546. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il kanċell, bieb, xatba, rixtellu jew struttura oħra ġiet installata fir-Residenza San Vinċenz de Paul minn Ġunju 2022 sal-lum? Jista' jagħti rendikont ta' fejn saru u wkoll kemm ġew jiswew dawn l-istrutturi kollha?

31/10/2022

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellanta li x-xogħol ta' manutenzjoni u tiswijiet, tisbiħ u rinovar li jsir f'San Vinċenz de Paul huwa proċess kontinwu li jsir f'din ir-residenza, kif jirrifletti fid-diversi proġetti li saru biex dejjem ikomplu jitjiebu s-servizzi offruti. F'dawn l-aħħar snin fil-fatt, ġew installati 130 fire door ġdid u sistemi ġodda ta' identifikazzjoni ta' nar. B'referenza speċifika għall-mistoqsija, b'konsultazzjoni ma' tekniċi u professjonisti, kif ukoll ma' uffiċjal tal-Protezzjoni Ċivili, riċentament saru:
- Partitions ġodda tal-gypsum biex jiġu lobbies ġodda ma' tliet swali,
- rixtelli ġodda u oħrajn modifikati minn forma baxxa għal waħda aktar għolja f'disa' swali,
- 4 rixtelli tal-ħadid f'ġonna u spazji miftuħa.

Ix-xogħol fuqhom sewa madwar 12,000 ewro.
L-għan ta' dawn il-modifikazzjonijiet huwa dak li jsaħħaħ is-sigurta forst l-anzjani biex ikunu jistgħu jduru f'postijiet siguri u bl-anqas riskji, filwaqt li nibqgħu nippromwovu l-indipendenza tagħhom.

Seduta 44
07/11/2022

**RESIDENZA SAN VINĊENZ DE PAUL – KUNTRATT LIL KUMPANIJA**

**3547. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3051, jista' l-Ministru jgħid jekk il-kuntratt li ngħata lill-kumpanija li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament għal tliet xhur għadux fis-seħħ jew jekk huwiex ser jiġi estiż? Jekk ser ikun qed jiġi estiż, jista' l-Ministru jgħid għal kemm ser jiġi estiż u jekk huwiex qed jinħareġ tender marbut ma' dan is-servizz ta' sigurtà fir-Residenza San Vinċenz de Paul?

31/10/2022

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellanta li l- kuntratt ta' tlett xhur waqaf, u beda wieħed ġdid ta' xahrejn, sakemm jinħareg it-tender marbut ma' dan is-servizz.

Seduta 44
07/11/2022

**RESIDENZA SAN VINĊENZ DE PAUL – KUNTRATT LIL KUMPANIJA**

**3548. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3051, jista' l-Ministru jgħid jekk il-kuntratt li ngħata lill-kumpanija li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament għal tliet xhur għadux fis-seħħ jew jekk huwiex ser jiġi estiż? Jekk ser ikun qed jiġi estiż, jista' l-Ministru jgħid għal kemm ser jiġi estiż u jekk huwiex qed jinħareġ tender marbut ma' dan is-servizz ta' sigurtà fir-Residenza San Vinċenz de Paul?

31/10/2022

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellanta li l- kuntratt ta' tlett xhur waqaf, u beda wieħed ġdid ta' xahrejn, sakemm jinħareg it-tender marbut ma' dan is-servizz.

Seduta 44
07/11/2022

**RESIDENZA SAN VINĊENZ DE PAUL – KUNTRATT LIL KUMPANIJA**

**3549. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3051, jista' l-Ministru jgħid jekk il-kuntratt li ngħata lill-kumpanija li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament għal tliet xhur għadux fis-seħħ jew jekk huwiex ser jiġi estiż? Jekk ser ikun qed jiġi estiż, jista' l-Ministru jgħid għal kemm ser jiġi estiż u jekk huwiex qed jinħareġ tender marbut ma' dan is-servizz ta' sigurtà fir-Residenza San Vinċenz de Paul?

31/10/2022

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellanta li l- kuntratt ta' tlett xhur waqaf, u beda wieħed ġdid ta' xahrejn, sakemm jinħareg it-tender marbut ma' dan is-servizz.

Seduta 44
07/11/2022

**BELT VALLETTA - FORTIFICATIONS INTERPRETATION CENTRE**

**3552. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2055, jista' l-Ministru jaġġorna lill-Kamra dwar fiex wasal dan ix-xogħol u meta l-Fortifications Interpretation Centre ser jerġa' jkun miftuħ għall-pubbliku?

31/10/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat li wara li saret il-manutenzjoni infrastrutturali meħtieġa, ċ-Ċentru ta' Interpretazzjoni ġewwa il-Fortress Builders fil-Belt Valletta rega' fetaħ il-bibien tiegħu għall-pubbliku minn nhar it-Tlieta l-1 ta' Novembru 2022.

Seduta 44
07/11/2022

**KUMMISSARJU GĦALL-ĦARSIEN U L-IŻVILUPP TAL-PRIĠUNIERI – KUNTRATT TAL-IMPJIEG**

**3553. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-kuntratt tal-impjieg tal-Kummissarju għall-Ħarsien u l-Iżvilupp tal-Priġunieri?

31/10/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Kopja tal-kuntratt mitlub minn l-Onorevoli Interpellant qed jitpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 44
07/11/2022

**AĠENZIJA GĦAS-SERVIZZI KORRETTIVI – KAP EŻEKUTTIV – KUNTRATT TAL-IMPJIEG**

**3554. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-kuntratt tal-impjieg tal-Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi?

31/10/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Kopja tal-kuntratt mitlub minn l-Onorevoli Interpellant qed jitpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 44
07/11/2022

**AWTORITÀ TAL-IPPJANAR – APPLIKAZZJONIJIET U PERMESSI APPROVATI**

**3555. L-ONOR. AMANDA SPITERI GRECH** staqsiet lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm applikazzjonijiet li daħlu l-Awtorità tal-Ippjanar mis-sena 2008 sal-lum, maqsuma sena b'sena? Jista' jgħid ukoll kemm-il permess ġie approvat sena b'sena mill-2008 'l hawn?

31/10/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Qiegħed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra t-tagħrif bi twegiba għal din il-mistoqsija.

Seduta 44
07/11/2022

**MALTA ENTERPRISE – PROĠETTI INVESTIMENT BARRANI (FDI)**

**3557. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 3243 u 3343 u tgħid kemm kien hemm proġetti li approvat il-Malta Enterprise li kienu ta' investiment barrani (FDI) għas-snin 2017, 2018, 2019, 2020, 2021 u 2022, u għal kull sena tgħid kemm minnhom kienu start-ups jew kienu kumpaniji stabbiliti, u kemm minn dawn għadhom joperaw fil-preżent?

31/10/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor Interpellant li matul is-snin imsemmija (2017,2018, 2019, 2020, 2021 u 2022) kien hemm 228 proġett approvat ta' Investiment Dirett Barrani ġdid, dawk stabbiliti u dawk li huma start-ups. Il-kumpaniji li bdew joperaw jew li qiegħdin fil-proċess li jibdew joperaw għadhom joperaw sal-lum il-ġurnata.

Għal raġunijiet ta' swieq globali u l-pandemija tal-Covid-19, hemm proġetti li għadhom ma bdewx joperaw f'Malta.
Qiegħda npoġġi fuq il-mejda tal-kamra tabella bl-informazzjoni mitluba.

Seduta 44
07/11/2022

**DIRECT ORDERS LIL KUMPANIJA**

**3558. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3420, li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol, u li issa ġiet riferuta lilu, u jagħti rendikont ta' kemm-il direct order u/jew sejħa pubblika ġew mogħtija/mirbuħa mis-soċjetà li d-dettalji dwarha qed jintbagħtu separatament u jagħti dan ir-rendikont bl-ammont, deskrizzjoni tax-xogħol u maqsum sena b'sena għal dawn l-aħħar ħames snin?

01/11/2022

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninsab infurmat li s-soċjetali d-dettalji dwarha ngħataw separatament, la ngħatat direct order u lanqas rebħet xi sejħa pubblika la mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru u lanqas mill-entitajiet fl-istess dekasteru.

Seduta 44
07/11/2022

**KUMPANIJI U PERSUNI LI RĊEVEW L-AKTAR AMMONT TA' ĦLAS MINN FONDI PUBBLIĊI**

**3559. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3421 u jagħti l-informazzjoni, permezz ta' tabella, ta' min kienu l-aktar għaxar persuni jew soċjetajiet li rċivew l-akbar ammont ta' ħlas minn fondi pubbliċi b'mod globali minn direct orders u dana billi jipprovdi lista ta' ismijiet u l-ammonti rispettivi li rċivew mill-1 ta' Jannar 2022 sal-lum?

01/11/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi l-informazzjoni mitluba qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Din l-informazzjoni ġiet miġbura mill-uffiċju ta' Direct Orders għall-direct orders b'limitu ta':

- Proprjeta': Minn 0 sa 0.5 miljun, VAT eskluz
- Kuntratti Pubbliċi Provvisti/Servizzi: Minn €10,000 VAT eskluz sa €140,000 VAT eskluz
- Utilities Regulations – Minn €10,000 VAT eskluz sa €431,000 VAT eskluz

Seduta 44
07/11/2022

**QORTI TAL-ĠUSTIZZJA - MESSAĠIERA FIR-REĠISTRU, DEPUTATI REĠISTRAR U KAXXIERA**

**3560. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3423, jista' l-Ministru jagħti l-informazzjoni mitluba għal dawk li jaħdmu fir-Reġistru biss?

07/11/2022

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onorevoli interpellant li, preżentement, fir-Reġistru tad-Direttorat tal-Qrati u Tribunali Ċivili tal-Aġenzija għas-Servizzi tal-Qrati, hemm 8 Deputati Reġistraturi, 32 impjegat fi grad ta' Court Clerk u gradi klerikali/amministrattivi oħra u 11-il impjegat fil-grad ta' Court Messenger u gradi relatati. Filwaqt li fir-Reġistru tad-Direttorat tal-Qrati u Tribunali Kriminali, hemm 4 Deputati Reġistraturi, 3 Court Clerks u 6 impjegati fil-grad ta' Court Messenger u gradi relatati.

Seduta 44
07/11/2022

**CATHETERS IPPROVDUTI**

**3561. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Peress li ħafna pazjenti li jużaw il-catheters qed isibu problema bil-catheters tad-ditta Lenty u Daxan li qed jiġu pprovduti, minflok dawk Lofric li kienu jiġu pprovduti fil-passat u li kienu ta' kwalità aħjar, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk hemmx ħsieb li dawn jerġgħu jinbidlu lura?

01/11/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant waqt li d-dipartiment tas-saħħa, bħal kull dipartiment ieħor tal-gvern, hu marbut bir-regoli ta' prokurment nazzjonali u Ewropej, id-dipartiment jagħmel kull sforz sabiex jinghataw l-aħjar prodotti mediċinali lill-pazjenti Maltin u Għawdxin.

Seduta 44
07/11/2022

**KORS TAL-OCCUPTIONAL THERAPY**

**3562. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari W7 li ġiet sottomessa fit-12 ta' Lulju 2022 u ċjoè: Peress li hemm talba li saret min-numru ta' studenti Universitarji fi Frar 2022 sabiex il-kors tal-Occupational Therapy li qegħdin isegwu jiġi meqjus bħala prescribed course bħal ħafna korsijiet oħra tal-mediċina, u dan sabiex aktar studenti jitħeġġu jidħlu għalih fid-dawl ta' nuqqas ta' professjonisti fil-qasam, jista' l-Ministru jgħid jekk din it-talba hux qed tiġi kkunsidrata u meta hu mistenni li jingħataw tweġiba?

01/11/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li għaddejja ħidma ħolistika biex wieħed jidentifika korsijiet li għandhom ikunu pre-scribed. Tali eżerċizzju jsir billi mhux jidentifika kors waħdu in isolament, imma billi jkun hemm stampa fattwali tal-korsijiet kollha li huma eliġibbli għal stipendju.

Seduta 44
07/11/2022

**SPORTMALTA – ASSISTENZA FINANZJARJA LILL-ASSOĊJAZZJONIJIET SPORTIVI**

**3563. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari W10 li ġiet sottomessa fit-22 ta' Lulju 2022 u ċjoè: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra elenku ta' kemm irċevew assistenza finanzjarja mingħand SportMalta l-assoċjazzjonijiet sportivi mill-2012 sal-lum, imqassmin għal kull assoċjazzjoni u għal kull sena?

01/11/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra

Seduta 44

07/11/2022

**GĦAWDEX - VILLA RUNDLE – IRĦAMA KOMMEMORATTIVA**

**3564. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid għaliex l-irħama kommemorattiva li tindika l-proġett ta' upgrading li kien sar ġo Villa Rundle tħalliet tiddeterjora daqstant? Hemm pjan li titpoġġa fl-istat li kienet qabel?

01/11/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onerevoli Interpellant li tajt struzzjoni lid-dipartiment ikkonċernat sabiex isir it-tindif/restawr li hemm bżonn.

Seduta 44
07/11/2022

**KUMPANIJI LI JOPERAW FIL-QASAM TAL-MEDICAL CANNABIS**

**3565. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3344, tista' l-Ministru tgħid is-7 kumpaniji li bdew joperaw fil-medical cannabis, kemm jammontaw investiment barrani bejniethom?

01/11/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li dawn il-kumpaniji ta' medical cannabis, jammontaw għal €20 miljun ewro investiment dirett barrani u bejniethom iħaddmu 79 ruħ.

Il-benefiċċji indiretti jinkludu l-ħolqien ta' karrieri ta' kwalità, il-ġenerazzjoni ta' riċerka, innovazzjoni u l-ħolqien ta' proprjetà intellettwali kif ukoll l-iżvilupp kontinwu ta' servizzi u manifattura ta' prodotti anċillari.
Fl-2018 pajjiżna kien l-ewwel stat membru li illeġiżla qafas regolatorju ħolistiku biex ikun hawn produzzjoni tal-mediċina magħmula mill-kannabis.

Seduta 44
07/11/2022

**GĦAWDEX – PROĠETTI TA' PARKS, SPAZJI MIFTUĦA U AFFORESTAZZJONI**

**3570. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jelenka lista ta' proġetti għal parks, spazji miftuħa, afforestazzjoni u oħrajn simili li diġà bdew u mistennija li jkunu lesti sal-aħħar tal-2022 u jinkludi n-natura u deskrizzjoni qasira tal-proġett, meta beda, kemm kien il-baġit oriġinali, u kemm mistennija tkun in-nefqa totali wara li jkun lest il-proġett?

01/11/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Nixtieq ninforma lill-Onorevoli Interpellant li din is-sena tlestiet il-pjazza tal-Munxar u dan l-ispazju miftuħ u rinnovat qiegħed jitgawda ukoll mill-pubbliku. Dan flimkien mal-proġetti l-oħra kollha li tejbu u ħolqu postijiet ta' rikreazzjoni għall-familji bħal ma huma l-proġetti ta' Marsalforn u dak ta' pjazza San Franġisk.
Pero' ta' min isemmi li l-gvern għandu wegħda permess tal-manifest li ġie elett bih li ser isir spazju miftuħ biswit il-Villa Rundle u parkeġġ jimxi ghal taħt l-art. Bħalissa għaddejin id-diskussjonijiet interni sabiex dan il-progett isir f'din il-legislatura.

Wara li aktar kmieni din is-sena ġie approvat il-permess għall-iżvilupp tal-ġnien ta' Ulysses Grove f'park għal familja, bdew ix-xogħlijiet fuq il-ħruġ għas-sejħiet għall-offerti sabiex isiru ix-xogħlijiet pjanati. Dan ser ikun park bi spazji miftuħa sabiex jitgawda mill-familji Għawdxin u Maltin u li qiegħed fil-periferija tal-belt Victoria.

Seduta 44
07/11/2022

**UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU - DIKJARAZZJONIJIET TAL-ASSI GĦAS-SENA 2016**

**3571. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3317 u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tad-dikjarazzjonijiet tal-assi tal-Prim Ministru, tal-Ministri u tas-Segretarji Parlamentari għas-sena 2016?

01/11/2022

**ONOR. ROBERT ABELA:** It-tagħrif mitlub qed jitpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 44
07/11/2022

**MINISTERU GĦAS-SAĦĦA - DIKJARAZZJONI TAL-ASSI GĦAS-SENA 2016**

**3572. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3318 u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tad-dikjarazzjoni tal-assi tiegħu għas-sena 2016?

01/11/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nirreferi lill-Onorevoli Interpellant għar-risposta tal-mistoqsija Parlamentari numru 3571.

Seduta 44
07/11/2022

**MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI - DIKJARAZZJONI TAL-ASSI GĦAS-SENA 2016**

**3573. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3319 u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tad-dikjarazzjoni tal-assi tiegħu għas-sena 2016?

01/11/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onorevoli Interpellant sabiex jirreferi ghat-twegiba moghtija ghall-mistoqsija parlamentari 3571.

Seduta 44
07/11/2022

**MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ U L-KUMMERĊ - DIKJARAZZJONI TAL-ASSI GĦAS-SENA 2016**

**3574. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3320 u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tad-dikjarazzjoni tal-assi tiegħu għas-sena 2016?

01/11/2022

**ONOR. IAN BORG:** Nitlob lill-Onorevoli nterpellant biex jirreferi ghall-Mistoqsija Parlamentari 3571 tal-istess Seduta.

Seduta 44
07/11/2022

**PARENTAL SKILLS PROGRAMMES**

**3577. L-ONOR. CARMELO ABELA** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew organizzati Parental Skills Programmes f'Marsaskala mis-sena 2019 sad-data li tiġi mwieġba din il-mistoqsija u jekk hux se jiġu organizzati fil-futur qarib f'din il-lokalità kbira?

07/11/2022

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onorevoli interpellant li t-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta 44
07/11/2022

**MARSASKALA – TRIQ IL-QALIET - SINJALI TAT-TRAFFIKU**

**3578. L-ONOR. CARMELO ABELA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 1878, jista' l-Ministru jara li jkun hemm sinjali/tabelli dwar il-limitu ta' veloċità tat-trasport fi Triq il-Qaliet, Marsaskala?

01/11/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi f'din it-triq diga hemm numru ta' traffic calming measures approvati mill-Awtoritá hekk kif ġej:

• Road Humps : 3 Road Humps approvati f' Septtembru 2004 – Registry File No. -135/TM/11/18.
• Humped Crossing : Humped Crossing approvata f'Marzu 2015 – Registry File No. – 35/TM/15/04.
• Speed Limit Signs : Installation of Speed Limit Signs approvati f'Settembru 2007 (with Start & End) – Registry File No. – 135/TMD/05 Vol.3.

Seduta 44
07/11/2022

**MARSASKALA – TRIQ IL-QALIET - TRAFFIC CALMING MEASURES**

**3579. L-ONOR. CARMELO ABELA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jara jekk l-esperti relevanti jaqblux li jsiru traffic calming measures fi Triq il-Qaliet, Marsaskala biex jiġi evitat li jkun hemm sewqan bi speed esaġerat?

01/11/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari Nru 3578.

Seduta 44
07/11/2022

**TQASSIM TA' TAGĦMIR DOMESTIKU - PERSUNI LI BBENEFIKAW**

**3580. L-ONOR. CARMELO ABELA** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jindika kemm kien hemm persuni/familji foqra li bbenefikaw minn tqassim ta' tagħmir domestiku mis-sena 2020 sad-data li tiġi mwieġba din il-mistoqsija? F'liema lokalità kienu joqogħdu dawn il-persuni/familji?

07/11/2022

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onorevoli interpellant li t-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta 44
07/11/2022

**KAWŻI PENDENTI**

**3581. L-ONOR. CARMELO ABELA** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il kawża hemm pendenti għal kull maġistrat separatament? Jista' jgħid ukoll kull maġistrat kemm ta sentenzi s-sena li għaddiet, jiġifieri fis-sena 2021 separatament?

07/11/2022

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Qed npoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra tabella bl-informazzjoni mitluba hekk kif miġbura sal-aħħar t' Awwissu 2022.

Seduta 44
07/11/2022

**KAWŻI PENDENTI QUDDIEM KULL IMĦALLEF**

**3582. L-ONOR. CARMELO ABELA** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jghid kemm-il kawża hemm pendenti għal kull imħallef separatament? Jista' jgħid ukoll kull imħallef kemm ta sentenzi s-sena li għaddiet, jiġifieri fis-sena 2021 separatament?

07/11/2022

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Qed npoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra tabella bl-informazzjoni mitluba hekk kif miġbura sal-aħħar t' Awwissu 2022.

Seduta 44
07/11/2022

**UFFIĊĊJU TAL-PUBLIC TRANSPORT FIR-TERMINUS TAR-RABAT GĦAWDEX**

**3583. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid x'inhi r-raġuni li l-Uffiċċju tal-Public Transport fit-Terminus tar-Rabat, Għawdex ingħalaq? Per konsegwenza, min jitlef Tallinja Card f'Għawdex irid imur bilfors Malta?

07/11/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninfomra lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba se tingħata f'seduta oħra

Seduta 44
07/11/2022

**PROJECTS MALTA – ANNUAL AUDITED STATEMENTS**

**3584. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-annual audited statements għal kull sena mit-twaqqif ta' Projects Malta (issa Malta Strategic Partnership Projects) kif ukoll l-annual reports ta' xogħolhom?

01/11/2022

**ONOR. ROBERT ABELA:** It-tagħrif mitlub qed jitpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 44
07/11/2022

**SPTAR TAL-ONKOLOĠIJA - KIMOTERAPIJA**

**3585. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: B'referenza għat-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 3416, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid x'isimhom it-13-il tip ta' kimoterapija li jingħataw f'Għawdex u l-erba' tipi li jingħataw orali?

01/11/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE: :** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illiil- kimoterapija li jingħataw f'Għawdex huma dawn:

1. Transtuzumab - Capecitabine
2. Avastin - Temozolamide
3. 5FU - Etoposide
4. Oxaliplatin - Palbociclib
5. Carboplatin
6. Gemcitabine
7. Irinotecan
8. Vinorelbine
9. Epirubicin
10. Pemetrexed
11. Docetaxel
12. Etoposide
13. Vincristine

Seduta 44
07/11/2022

**GĦAWDEX - SKWADRA TAS-CID**

**3586. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 2894 u jagħtina l-istatistika ta' kif evolviet bħala numri l-iskwadra tas-CID f'Għawdex bejn l-2010 u l-2022, sena b'sena?

07/11/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li fl-aħħar snin kien hemm bidliet ta' kif jopera l-Korp tal-Pulizija ġewwa Għawdex, bil-għan li r-residenti jingħataw servizz aħjar. Matul l-aħħar sena ġie introdott is-servizz ta' Pulizija tal-Komunità fil-lokalitajiet kollha ġewwa Għawdex, li jagħtu servizz aktar personalizzat b'kollaborazzjoni mal-Komunità. Infurmat wkoll li l-persuni assenjati mas-CID ta' Għawdex kien l-ebda persuna fis-sena 2012, 10 persuni fis-sena 2013 u 2014, 7 persuni fis-sena 2015 u 2016, 6 persuni fis-sena 2017, 4 persuni fis-sena 2018, 5 persuni fis-sena 2019, u 4 persuni fis-sena 2020 u 2021. Infurmat ukoll li r-rata għal kull persuna residenti ta' ufficjali tal-Korp tal-Pulizija tad-distrett u Community Policing ġewwa Għawdex huwa ogħla minn ta' Malta. Dan wassal sabiex is-servizz offrut ikun dejjem aħjar.

Seduta 44
07/11/2022

**SPTAR MATER DEI – APPARAT FIS-SLEEP LAB**

**3587. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: B'referenza għat-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 3290, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid meta hu pproġettat li jiġi ppubblikat tender bi specifications sabiex jinxtara apparat addizzjonali?

01/11/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi l-offerta intbagħtet lid-DOC għall-pubblikazzjoni fl-24 ta' Ottubru 2022.

Seduta 44
07/11/2022

**GOZO CHANNEL CO. LTD. – PASSENGER CAPACITY**

**3588. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3301, jista' l-Ministru jgħid għaliex il-projected capacity qed tinħadem għall-Ħdud waranofsinhar biss? Huwa minnu li qed jiddaħħlu persuni overtime għax ma jkunx sar projected capacity exercise minn qabel? Sar projected capacity exercise għat-tlett ijiem ta' btala għat-tfal bejn il-31 ta' Ottubru u t-2 ta' Novembru, 2022?

01/11/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onerevoli Interpellat li l-overtime jingħata meta jkun hemm bżonn skond l-esiġenzi tas-servizz.

Seduta 44
07/11/2022

**TILQUM TAL-INFLUWENZA**

**3589. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3424, li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, u li issa ġiet riferuta lilu, u jgħid għalfejn il-Gvern għażel li t-tilqim tal-influwenza se jsir mill-Gvern Ċentrali u mhux mill-Kunsilli Lokali kif isir is-soltu?

02/11/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi kif diġa kelli okjazzjoni nispjega lill-Kamra, din is-sena qed jiġi rrakkomandat illi mat-tilqima tal-influwenza tingħata ukoll it-tilqima tal-varjant tal-Covid l-Omicron. Peress li din ta' l-aħħar teħtieġ li tinħa¿en f 'temperatura baxxa, din is-sena t-tilqim jingħata mill-Bereġ u ċentri għas-saħħa.

Seduta 44
07/11/2022

**BELT VALLETTA – TENDER TA' INFURZAR**

**3590. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3425, jista' l-Ministru jgħid min hu u kemm tħallas il-kuntrattur li ħa t-tender għall-infurzar li seħħ fix-xahar ta' Ottubru 2022 fil-Belt Valletta?

07/11/2022

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor Interpellant illi l-kuntrattur li waqqa' bosta kmamar u strutturi mibnija mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Awtorità tad-Djar ġie mqabbad permezz ta' *Framework Agreement.* Permezz ta' din il-proċedura approvata mid-Dipartiment tal-Kuntratti, inħarġet sejħa għall-offerti lill-kuntratturi interessati jagħmlu xogħol b'rati stabbiliti mill-Awtorità tad-Djar. Għalhekk, il-ħlas lill-kuntrattur se jkun skont dawn ir-rati stabbiliti. Il-kont finali jiġi ppreparat minn Perit tal-Awtorità tad-Djar fi tmiem ix-xogħol.

L-okkupanti abbużivi ilhom żmien twil infurmati sabiex jgħaddu l-pussess tal-istrutturi lill-Awtorità tad-Djar, f'liema nuqqas ġew miżmuma responsabbli għall-ispejjeż li l-Awtorità kien se jkollha tinkorri sabiex twaqqagħhom. Fil-fatt, fi tmiem il-proċess ta' infurzar, se jinbeda proċess legali sabiex jiġu rkuprati l-ispejjeż kollha minfuqa mingħand l-okkupanti abbużivi.

Seduta 44
07/11/2022

**TILQIM MILL-KUNSILLI LOKALI**

**3594. L-ONOR. EVE BORG BONELLO** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Peress li fi żmien il-pandemija t-tilqim sar mill-policlinics minflok mill-kunsilli lokali, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk hemmx pjan biex it-tilqim tal-influwenza u oħrajn mhux relatat mal-COVID-19 jerġgħu jingħataw mill-kunsilli lokali għax il-bidla fis-sistema qed tkun problematika għar-residenti minħabba l-fatt li mhemmx policlinics f'kull lokalità?

02/11/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nirreferi lill-Onorevoli Interpellant għar-risposta tal-mistoqsija Parlamentari numru 3589.

Seduta 44
07/11/2022

**TA' GIORNI – COMMUNITY CLINIC**

**3595. L-ONOR. EVE BORG BONELLO** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid meta se jibda x-xogħol biex jinfetaħ Community Clinic f'Ta' Giorni hekk kif kien imwiegħed sena ilu u għadu ma sar xejn?

02/11/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi ir-Rapport tal-Periti jindika li parti mis-saqaf għandu problemi strutturali serji li jridu jitranġaw qabel ma wieħed ikun jista jikkonsidra li jkompli bl-izvilupp tas-sit. Fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkostanzi, il-Primary HealthCare qed tfittex soluzzjonijiet ulterjuri.

Seduta 44
07/11/2022

**PALAZZO SPINOLA - COMMUNITY CENTRE**

**3596. L-ONOR. EVE BORG BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid x'sar mill-formal request li saret lis-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali u l-Komunità biex il-Palazzo Spinola jsir Community Centre li jospita fih librerija, berġa u punt ta' informazzjoni għat-turisti?

07/11/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** It-twegiba tinghata f'seduta ohra.

Seduta 44
07/11/2022

**LIVELL TA' VOLUM TA' VETTURI**

**3597. L-ONOR. EVE BORG BONELLO** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid x'qed isir biex ikun regolat il-livell ta' volum ta' vetturi li għandhom x'jaqsmu mal-kostruzzjoni, speċjalment f'żoni residenzjali?

07/11/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninfomra lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba se tingħata f'seduta oħra

Seduta 44
07/11/2022

**LESA – ŻIEDA FL-UFFIĊJALI U IMPJEGATI**

**3598. L-ONOR. EVE BORG BONELLO** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid kemm żdiedu uffiċjali u impjegati mal-LESA dawn l-aħħar ħames snin, sena b'sena?

02/11/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li b'riferenza għall-Mistoqsija Parlamentari numru 3598 din għandha tiġi riferuta lill-Ministeru konċernat.

Seduta 44
07/11/2022

**TRANSPORT MALTA - UFFIĊJALI U IMPJEGATI**

**3599. L-ONOR. EVE BORG BONELLO** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid kemm żdiedu uffiċjali u impjegati ma' Transport Malta dawn l-aħħar ħames snin, sena b'sena?

07/11/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninfomra lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba se tingħata f'seduta oħra

Seduta 44
07/11/2022

**GĦAWDEX – BINI TA' QORTI ĠDID**

**3627. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jinforma lill-Kamra u jindika f'liema stadju wasal il-proċess biex jinbena Qorti ġdid f'Għawdex? Jista' jgħid x'sar f'din l-aħħar sena rigward il-bini ta' qorti ġdid f'Għawdex?

02/11/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lil Onorevoli Interpellant li qed jiġi ffinalizzat l-*preliminary market consultation* flimkien mal-Ministeru tal-Ġustizzja biex ikun ippublikat fil-jiem li ġejjin.

Seduta 44
07/11/2022

**SKEJJEL – KMAMAR/SPAZJI GĦAL TFAL B'CHALLENGING BEHAVIOUR**

**3635. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tagħti tagħrif dwar jekk il-Ministeru bediex jew hux ser jibda diskussjonijiet mal-Ministeru għall-Edukazzjoni biex fl-iskejjel tagħna jkun hemm spazji jew kmamar għal tfal li jiġu meqjusa li għandhom challenging behaviour bħall-awtiżmu sabiex dawn it-tfal ikunu jistgħu jingħataw l-attenzjoni neċessarja? Jekk iva, fiex waslu dawn id-diskussjonijiet? Tista' l-Ministru tinforma jekk fl-iskejjel ġewwa Malta u Għawdex jeżistux dawn il-kmamar/spazji? Jekk iva f'liema skejjel jeżistu dawn il-kmamar/spazji?

02/11/2022

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li fl-iskejjel Primarji u Sekondarji huma mifruxa faċilitajiet u riżorsi biex jieħdu ħsieb studenti bi ħtiġijiet varji, inklużi dawk b'diffikultajiet bl-imġiba. F'numru ta' skejjel twaqqfu wkoll Autism Units, b'faċilitajiet apposta għal tfal b'awtiżmu u oħrajn li jistgħu jibbenefikaw minn attenzjoni speċjalizzata individwali. Rigward il-mistoqsijiet l-oħra, nitlob lill-Onorevoli Interpellant sabiex tagħmel il-mistoqsijiet lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 44
07/11/2022

**DAY CENTRES GĦAL PERSUNI B'DIŻABILITÀ**

**3636. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tgħid kemm huma u liema huma d-day centres għal persuni b'diżabilità? Minn dawn id-day centres liema huma dawk amministrati totalment mill-Gvern u liema huma dawk li l-Gvern joffri għajnuna biex dawn ikunu jistgħu jitħaddmu? Tista' l-Ministru tagħti tagħrif dwar jekk hux mistenni li jkun hemm żieda fin-numru ta' dawn iċ-ċentri? Jekk iva kemm ser jiżdiedu u fejn hu mistenni li dawn jiżdiedu? Kemm hu n-numru ta' persuni b'diżabilità li jagħmlu użu minn kull wieħed minn dawn iċ-ċentri? Tista' l-Ministru tinforma kemm huma dawk il-persuni b'diżabilità li qegħdin fuq il-waiting list biex jidħlu f'wieħed minn dawn iċ-ċentri?

02/11/2022

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li f'Malta u Għawdex hawn 11-il Ċentru ta' Matul il-Jum immexxija minn Aġenzija Sapport, l-Aġenzija Nazzjonali li toffri servizzi lil persuni b'diżabilità. Ċentru ieħor f'Għawdex hu mmexxi mill-Ministeru ta' Għawdex. Hemm ukoll 4 ċentri / programmi ta' matul il-jum oħra f'Malta offruti minn entitajiet non-governattivi jew privati. Dawn iċ-ċentri huma mħaddma wkoll bl-għajnuna tal-Gvern permezz ta' ftehim mal-entitajiet konċernati. Aktar informazzjoni tinsab fit-tabella li qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 44
07/11/2022

**IMTARFA – DAY CENTER – RINNOVVAR U ESTENSJONI**

**3637. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tagħti tagħrif dwar liema xogħlijiet tlestew sa issa fir-rinnovvar u l-estensjoni tal-Imtarfa Day Centre għal persuni b'diżabilità? Sa issa kemm intefaq f'dan l-istess ċentru għal dawn ix-xogħlijiet? Kemm hu maħsub li jkun it-total valur tax-xogħlijiet li twettqu jew li ser jitwettqu matul l-2022? Liema xogħlijiet għadhom għaddejjin preżentement f'dan iċ-ċentru u meta hu mistenni li jitlesta dan ix-xogħol? Liema xogħol ieħor hu maħsub li jsir fl-istess ċentru u meta hu mistenni li jinbeda u jitlesta? Kemm hu maħsub li jkun il-valur totali tax-xogħlijiet li ser jitwettqu matul l-2023?

02/11/2022

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li l-proġett tal-Imtarfa wasal fil-proċess ta' skavar, fejn dan tlesta fl-ewwel nofs ta' din is-sena. Sa issa ntefqu €214,000. Fil-preżent ix-xogħol jinsab wieqaf sabiex jiġu diskussi pjanti ġodda għal dan is-sit fuq rakkomandazzjonijiet tas-Superintendent tal-Wirt Storiku wara li nstabu fdalijiet ta' valur storiku fis-sit.
Bħala parti mix-xogħlijiet hu pjanat li jittranġa ċint mal-periferija għal aktar sigurtà. Dan wasal fil-fażi tal-aġġudikar tat-tender. L-investiment mistenni jkun ta' madwar €67,000.
Xogħol ieħor ta' rinovazzjoni f'partijiet oħra taċ-Ċentru baqgħu għaddejjin bħala parti mill-eżerċizzju ta' modernizzar ta' faċilitajiet fiċ-ċentri kollha ta' matul il-jum.

Seduta 44
07/11/2022

**ĦAD-DINGLI – PROĠETT TA' DAR RESIDENZJALI GĦAL PERSUNI B'DIŻABILITÀ ADULTI**

**3638. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tagħti tagħrif dwar f'liema stadju wasal il-proġett ta' dar residenzjali għal persuni b'diżabilità adulti f'Ħad-Dingli? Tista' tgħid kemm mill-baġit allokat għal din is-sena għal dan il-post intefaq matul l-2022? Tista' tgħid kemm hu maħsub li jkun il-valur tax-xogħlijiet li se jitwettqu matul l-2022? Kemm hu l-baġit allokat għal din is-sena għal dan il-post? X'inhi r-raġuni għad-diskrepanza bejn il-valur li kien budgeted għall-2022 u l-valur totali li fil-fatt hu maħsub li jkun intnefaq matul l-2022? X'inhuma x-xogħlijiet li huma maħsuba li jitwettqu f'dan il-proġett matul l-2023? Meta hu maħsub li jitlesta x-xogħol kollu hawnhekk?

02/11/2022

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li l-proġett ta' dar residenzjali għal persuni b'diżabilità f'Ħad-Dingli wasal fil-fażi fejn ġew sottomessi l-pjanti lill-Awtorità tal-Ippjanar sabiex jiġu proċessati l-permessi meħtieġa. Wara, jibda l-abbozzar tat-tenders. Il-baġit allokat għal dan il-proġett għas-sena 2022 hu ta' €1.5 miljun. Ix-xogħlijiet jibdew ladarba titlesta l-fażi tal-abbozzar, pubblikazzjoni u għotja tat-tenders.
Matul l-2023 hu mistenna li jibda xogħol strutturali fuq il-binja. Ix-xogħol mistenni jieħu madwar 3 snin.

Seduta 44
07/11/2022

**SPECIAL OLYMPICS – GĦAJNUNA LIL SPORTIVI B'DIŻABILITÀ**

**3639. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tagħti tagħrif dwar liema għajnuna speċifika, inkluż dik finanzjarja, tingħata lil dawk l-isportivi b'diżabilità (jew lill-ġenituri tagħhom) li jkunu qegħdin jippreparaw biex jieħdu sehem fl-iSpecial Olympics? Tista' tagħti tagħrif dwar liema għajnuna speċifika, inkluż dik finanzjarja, tingħata lil dawk l-isportivi b'diżabilità (jew lill-ġenituri tagħhom) li jkunu qegħdin jippreparaw biex jieħdu sehem fil-Paralympics?

02/11/2022

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Nitlob lil Onorevoli interpellant biex jaghmel il-mistoqsija lill-Ministeru ikkoncernat.

Seduta 44
07/11/2022

**GĦAWDEX – CASA AMALIA U ĠESU NAZZARENU – SERVIZZI LIL ANZJANI**

**3656. L-ONOR. ABIGAIL CAMILLERI** staqsiet lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid x'investiment qed jagħmel għall-anzjani f'Għawdex permezz tan-night shelters u day centres ta' Casa Amalia u Ġesu Nazzarenu? Jista' jgħid ukoll kemm jiġi jiswa kull anzjan li juża dawn is-servizzi u li issa ilhom numru ta' snin jaqdu l-esiġenzi tal-anzjani tagħna?

03/11/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li s-servizz ta' Casa Amalia jiswa €55 għal kull anzjan/a għad-*Day Centre* u €45 għal kull anzjan għan-*Night Shelter.* Fil-kaz tan-*Night Shelter* 'Ġesu Nazzarenu' il-Ministeru joffri s-servizz tat-tindif, tal-immanigjar u tal-carers.

Seduta 44
07/11/2022